# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   29**

**Avviz  numru      314/99/SM**

**David Spiteri u martu Sandra**

**vs**

**Charlot Falzon**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-istanti s-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (LM425) danni li kkaguna lilhom f'incident stradali li gara z-Zejtun fil-5 t'Awissu, 1998 bejn car Skoda numru BAR 142 misjqua mill-istanti u car numru EAU 406 misjuqa minnu – prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5.11.98 u dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar, 1999 lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiiet datata s-26 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tieghu;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh fil-5 t'Awissu ta' l-1998 fi Triq San Girgor, iz-Zejtun, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar bejn il-vetturi wahda tal-marka Skoda bin-numru BAR 142 misjqua mill-attur David Spiteri u l-ohra tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni EAU 406 misjuqa minn Charlot Falzon;**

**2. Illi l-attur Spiteri kien qed isuq fid-direzzjoni miz-Zejtun lejn il-kappella ta' San Girgor, u l-konvenut Falzon kien qed isuq fid-direzzjoni opposta;**

**3. Illi l-attur isostni li ra lill-konvenut isuq f'nofs it-triq, kien jidher mahsud u meta zamm "brake" il-vettura tieghu "kompliet tigbdu lejja", (ara fol 22);**

**4. Illi ghalkemm l-attur isostni li pprova jevita l-incident pero' dan ma kienx possibbli ghaliex gia' kien mal-genb tat-triq hdejn l-istatwa ta' San Girgor u ghalhekk ma kellux aktar fejn jimmanuvra;**

**5. Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghall-erba' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM425.00,0);**

**6. Illi l-konvenut Falzon jirrileva li fil-karreggjata li fiha kien miexi hu kien kemm trakk ipparkjat u allura kien kostrett jistraripa fil-karreggjata opposta u ghalhekk sehh l-incident de quo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi f'kazijiet simili ghandu jkun pacifiku li l-prudenza tirrikjedi li l-konvenut meta jsib ruhu bil-karreggjata tieghu ostakolata u bi traffiku gej mid-direzzjoni opposta ghandu jieqaf biex ma jkun ta' l-ebda perikolu ghalieh u ghall-terzi;**

**Illi ghalhekk l-agir tieghu li f'dawn ic-cirkostanzi jiqba' jsuq, jidhol fil-karreggjata ta' haddiehor u jsuq bhal li kieku r-regolamenti tat-traffiku qed jiktibhom hu waqt li jsuq, mhux tollerabbli u ghandu jinzamm responsabbli ta' ghemilhu;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti,**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Charlot Falzon responsabbli ta' l-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM425.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Charlot Falzon biex ihallas lill-atturi David u Sandra Spiteri l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

Avviz Nru:  314/99/SM

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**